MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 168/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**
**Vs**
**Dalli Kristina**
**ID No. 570893M**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-25 ta' Marzu, 2013 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,658.68) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kummunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40173277* moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti immarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.
Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,658.68) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------